# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 145/2015**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mario Testa**

Illum 30 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Mario Testa**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 398770(M)**,** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'San Pawl il-Baħar u/jew f'lokalitajiet f'Malta, f'April 2012 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'għemil żieni ikkorrompa lil **OMISSIS** ta' tlettax (13)-il sena;

2. fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet, u ċirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eċċita, għen jew iffaċilita l-korruzzjoni ta' **OMISSIS** ta' tlettax (13)-il sena;

3. fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' u ċioè ma' **OMISSIS** ta' tlettax (13)-il sena;

4. fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi, wettaq reat li bħala uffiċjal pubbliku huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsir.

Il-Qorti ġiet miltuba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' **OMISSIS** u l-familja tagħha *ai termini* ta' Artikolu 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, b'żieda ma' kull piena li jidhrilha xierqa tordna li l-ħati jiġi għal xi żmien jew għal kull żmien prevenut milli jeżerċita l-attivitajiet tiegħu li jkollhom x'jaqsmu mas-superviżjoni tat-tfal.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Marzu 2015, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni minħabba li rriżultalha li din ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni, ma sabitx lill-imputat ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u lliberatu minnha u, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju Għall-Ġudizzju tal-1 ta' April 2013 u senjatament Artikoli 17, 18, 31, 203(1)(c), 203(2), 204C(1), 208AC(1)(b), 208B(2) u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif ukoll talli

b'għemilu offenda l-pudur jew il-morali pubblika f'post pubbliku jew espost għall-pubbliku u kkundannatu ħames (5) snin priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal perjodu ta' tliet (3) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza fejn il-persuni protetti huma **OMISSIS** u l-ġenituri tagħha. Sabiex tiġi protetta l-identita' tal-minuri, il-Qorti ordnat id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familjari tagħha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallas lill-istess Reġistratur is-somma ta' disa' mija u tnejn u sittin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€962.23) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ. Il-Qorti, wara li rat Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imputat jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja tas-sentenza tkun komunikata lill-imsemmi Reġistratur.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2015 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha 1. Tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mario Testa deċiża fit-13 ta' Marzu 2015, billi* ***tikkonfermaha*** *f'dik il-parti tas-sentenza fejn illiberatu mit-tieni u r-raba' imputazzjoni, u fejn sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni u* ***tirrevokaha*** *f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni bl-aggravji relattivi, u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni u l-aggravji relattivi; 2. Mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, fl-eventwalita' ta' konferma ta' ħtija minn dina l-Onorabbli Qorti pari mertu bħal Qorti tal-Maġistrati, li tirriforma l-piena nflitta fuq l-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi tal-każ de quo."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u rat ukoll in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-appellant (*a fol.* 554 *et seq.*).

Semgħet, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-13 ta' Marzu 2015.

Illi fil-qosor il-fatti ta' dan il-każ kienu s-segwenti. **OMISSIS** (minuri ta' tlettax (13)-il sena) kienet tattendi għal-lezjonijiet fil-każin tal-banda ta' **OMISSIS OMISSIS** għal tliet snin. Kien jgħallimha l-appellant allura imputat li kien is-Surmast tal-banda fil-każin in kwistjoni kif ukoll f'xi każini oħra u kien ukoll bandist fil-banda tal-Forzi Armati. Hekk kif il-ġenituri tal-minuri nnutaw li binthom bdiet iġġib ruħha b'mod mhux tas-soltu hija ġiet mittieħda għand professjonijiet, fosthom psikoterapista u psikjatra. Minn hawn sar magħruf li l-minuri kienet qed tikkomunika mal-appellant permezz tal-MSN fejn huwa kien juriha *videos* pornografiċi u kien jitlobha tagħmel ċertu affarijiet u jaraha bil-*webcam*. Jirriżulta li l-appellant mbagħad kien iltaqa' mal-minuri darbtejn fejn ħadha f'appartament f'San Pawl il-Baħar u hemmhekk għamlu l-att sesswali.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-

appell tiegħu hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak appena kkwotat u tagħmlu tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-liġi meta sabitu ħati talli b'għemilu offenda l-pudur jew il-morali pubblika f'post pubbliku jew espost għall-pubbliku *ai termini* ta' Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li hu ma kienx akkużat b'dan ir-reat. Jgħid li dan

[1] "Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991."

huwa reat separat mir-reati l-oħra li kien akkużat bihom fiċ-ċitazzjoni u mhux aggravju għal xi wieħed minnhom. Jisħaq li l-Avukat Ġenerali ma setax iżid dan ir-reat permezz tan-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 234) meta huwa bagħat l-Artikoli tal-Liġi li skont hu setgħet tinstab ħtija fihom fl-appellant allura imputat.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti, għal kull buon fini, tibda billi tinnota li fis-sottomissjonijiet finali tal-Avukat Ġenerali ġie sottomess li ċ-ċitazzjoni qatt ma nbidlet u li teknikament l-appellant ma kellux jinstab ħati tal-Artikolu in kwistjoni għaliex huwa nstab ħati ta' xi ħaġa li ma kienx akkużat biha. Huwa jaqbel ma' dan l-aggravju.

Illi fis-sentenza mogħtija fis-7 ta' Diċembru 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Carter** (Numru 82/2001), din il-Qorti qalet hekk:

> "Fin-Nota ta' Rinviju Għall-Ġudizzju skont l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ tal-Att ta' Akkuża, jekk fin-Nota ta' Rinviju Għall-Ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat. [...] Issa, fil-każ in diżamina, l-Avukat Ġenerali rrinvija mhux skont l-Artikolu 433(5) iżda skont l-Artikolu 370(3); għalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setgħet issib lill-appellat ħati ta' xi reat ieħor, salv, naturalment, dak li għadu kif ingħad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi iżda kompriż u involut, u l-kompliċita'."

Illi din il-Qorti ħadet konjizzjoni taċ-ċitazzjoni li fiha hemm mniżżla l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant kien ġie akkużat bihom u fl-imsemmija ċitazzjoni ma hemm ebda imputazzjoni dwar Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Meħud in konsiderazzjoni ta' dan kollu, l-aggravju in eżami qed ikun milqugħ.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet żball fl-applikazzjoni tal-liġi meta sabitu ħati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minuri u dana mingħajr ma eżaminat element essenzjali tar-reat. Jisħaq li l-Ewwel Qorti naqset li tevalwa wieħed mill-elementi fundamentali tar-reat u ċioè l-element tal-korruzzjoni. Huwa jagħmel riferenza kemm għall-awturi u kif ukoll għall-ġurisprudenza. Fost l-oħrajn, jagħmel riferenza għal Manzini li jgħid li jsostni li jekk l-aġent bil-kommissjoni ta' atti ta' libidini ma jkunx ta lill-minuri tagħrif ġdid li l-minuri mhux diġà kellu/kellha, il-possibilita' ta' korruzzjoni tramite l-atti ta' libidini in kwistjoni hija eskluża. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis jekk l-element in kwistjoni kienx ġie ppruvat mill-Prosekuzzjoni u li għalhekk waslet għal konklużjoni żbaljata li hu kien ħati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minuri. Jgħid li l-Qorti msemmija straħet biss fuq dak li ddeponiet il-minuri u lanqas tat każ biss ta' dak li jirriżulta mir-rapport ta' PS 266 Stefan Decelis għax minn dan ir-rapport ma jirriżultax li hu kien wera xi materjal pornografiku lill-minuri. Jisħaq li l-allegazzjoni li hu kien ikollu karezzi żejda waqt il-lezzjonijiet kienet kontradetta minn xhieda okulari li kienu jkunu preżenti waqt il-lezzjoni u li l-Prosekuzzjoni ma pproduċiet ebda wieħed minn dawn l-istudenti bħala xhud. Jgħid li d-depożizzjoni tiegħu ma kienet kontradetta bl-ebda mod u li kienet il-minuri stess li riedet li jsir l-att sesswali bejniethom.

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant m'huwiex korrett meta jissottometti li l-Ewwel Qorti straħet fuq id-depożizzjoni tal-minuri biss u dana peress li l-Ewwel Qorti rat ukoll kif xehed l-appellant u mhux qagħdet fuq dak li xehdet il-minuri. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti wiżnet dak li qal l-appellant allura imputat u wriet

it-tħassib tagħha kif il-problema li jalludi għaliha hu setgħet tkun riżolta billi jmur mal-minuri fl-appartament ta' San Pawl il-Baħar (*a fol.* 488). Jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll x'qal l-espert *ex parte* u wriet li ma qablitx miegħu kif *del resto* setgħet tagħmel. Apparti minn dan, fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti (*a fol.* 488):

> "Illi kif diġa' ngħad din il-Qorti temmen li l-affarjiet effettivament seħħew bil-mod irrakkuntat mill-minuri u mix-xhieda tagħha kif ukoll minn provi oħra prodotti mill-Prosekuzjoni f'dan il-każ jirriżulta li l-imputat approfitta ruħu mill-fatti li l-istess minuri li kienet għaddejja minn dik il-fażi ta' ħajjitha fejn kienet qed issir tfajla u fejn bdiet tiskopri s-sesswalita' tagħha." [emfażi miżjuda]

Illi barra minn hekk, f'każijiet ta' din ix-xorta, il-Qorti ħafna drabi kulma jkollha hija x-xiehda tal-allegata vittma u x-xiehda (jekk jagħżel li jixhed) tal-persuna li kontra tagħha jkunu nħarġu l-imputazzjonijiet.

Illi f'dan il-każ li hemm ċert huwa l-eta' tal-minuri li twieldet fit-28 ta' Awwisu 1998 (*a fol.* 8) u li b'hekk kellha tlettax (13)-il sena u l-eta' tal-appellant li kellu wieħed u erbgħin (41) sena.

Illi hemm ukoll l-istqarrija tal-appellant allura imputat li ssaħħaħ il-verżjoni tal-minuri għall-anqas f'parti minnha. Ma kienx hemm ebda oġġezzjoni għall-istqarrija anzi din inqrat lill-appellant allura imputat meta għażel li jixhed quddiem l-Ewwel Qorti. Minn din l-istqarrija jirriżulta dan li ġej (*a fol.* 10):

> "M. Għaliex iltqajtu waħidkom?
> T. Din **OMISSIS** bdiet tgħidli biex noħorġu flimkien għax kont nogħġobha. Kienet tgħidli hekk meta kienet tiġi għal-lezzjoni imma ma niftakarx meta bdiet tgħidli hekk imma m'ilux wisq. L-ewwel darba li ltqajna waħidna konna ftehmna li niltaqa' magħha l-Belt u fil-fatt mort għaliha ħdejn il-

Phoenicia. Minn hemm soqt bil-karozza tiegħi Toyota Corolla lejn Baħar iċ-Ċagħaq fejn ħadna ġelat. Peress li kien filgħodu u jien ma stajtx indum aktar minn nofs in-nhar kont erġajt wassaltha l-Belt biex tirkeb tal-linja. Għaddew aktar minn xahar u erġajna ftehmna li niltaqgħu u din id-darba ltqajna fil-pjazza ta' Ħal-Luqa u minn hemm morna dawra u mbagħad morna Buġibba. Hemmhekk missieri għandu flat u jiena għandi ċ-ċwievet tiegħi u dħalna, inżajna l-ħwejjeġ u kellna x'naqsmu sesswalment flimkien. Ma niftakarx jekk sarux xi atti oħra qabel.

M. Taf jekk kinitx l-ewwel esperjenza sesswali tagħha?
T. Dak in-nhar **OMISSIS** qaltli li dik kienet l-ewwel esperjenza tagħha u li riedet titgħallem tagħmel dawn l-affarijiet. Meta staqsejtha jekk kinitx ħadet gost, hi qaltli, apparti li uritni, li kienet ħadet gost. Qaltli wkoll li xtaqet li terġa' tagħmilha.

M. U filfatt reġgħu saru dawn l-affarijiet sesswali?
T. Wara ħafna drabi li qaltli biex niltaqgħu iva reġgħu ġraw. Jien kull meta kienet tgħidli biex niltaqgħu kont ngħidilha li jiena ma stajtx nagħtiha dak li trid hi imma hi xorta kienet tgħidli li tixieq tkun miegħi. It-tieni darba li reġa' kellna x'naqsmu sesswalment flimkien għamilna l-istess affarjiet bħall-ewwel darba u wkoll sess orali, kemm fuqi u kemm fuqha. Minn dak in-nhar, għalkemm baqgħet tiffittani kull meta tarani, ma ltqajniex aktar.

M. Apparti li kontu tiltaqgħu għat-tagħlim tal-mużika, ġie li kkomunikajtu b'xi mod ieħor?
T. Bil-*computer*. Konna nużaw MSN. Ġie li użajna l-*webcam* ukoll.

M. Użajtu l-*webcam* għal xi attivita' sesswali bħal masturbazzjoni?

T. Le."

Illi l-appellant jissottometti li l-komunikazzjoni permezz tal-*webcam* hija kontradetta b'dak li kien stabbilit minn PS 266 Stefan Decelis li ma sab xejn. Din il-Qorti tinnota li l-fatt li PS 266 Stefan Decelis ma sab xejn ma jfissirx li l-affarjiet li ddeskriviet il-minuri ma seħħewx. Il-provi ma jsirux biss bir-riżultati forensiċi jew xjentifiċi biss. Huwa xogħol min jiġġudika li jqis kollox u li jara li min qed jixhed mhux qed jigdeb. Jirriżulta li l-minuri tat dettalji grafiċi ħafna. Li ntużaw il-kompjuter u l-*webcam* ġie kkonfermat mill-appellant allura l-imputat stess għalkemm innega li ntużaw għall-iskopijiet suġġeriti mill-Prosekuzzjoni.

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu l-appellant jirreferi għal Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tinnota li minn imkien ma jirriżulta li x-xhieda mhix konsistenti. Bħalma ntwera l-Ewwel Qorti tat każ ta' xhieda oħra bħala ċirkostanzi tal-każ u meta jkun hemm xhud biss jipprevali Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif diġa' ntwera s-sentenza appellata turi li l-Ewwel Qorti rat ukoll provi oħra. Imma jibqa' l-fatt li dwar il-prova prinċipali hija straħet fuq żewġ xhieda. F'dan il-każ ma hemm xejn proċeduralment mankanti li Qorti tagħżel xiehda ta' xhud wieħed ġialadarba f'każijiet bħal dawn mhux ser ikun hemm konkorrenza ta' xhieda tal-fatti li huma fil-qofol tal-każ.

Illi l-appellant jissottometti wkoll li kien impossibbli l-aċċess għal ċerta kamra fil-każin mingħajr ma' wieħed ikollu ċ-ċwievet għaliha. Skont l-appellant din tikkontradiċi l-verżjoni tal-minuri. Fir-rapport tal-Perit Mario Cassar ħareġ li biex tidħol f'ċertu kamra, int għandek bżonn ċavetta u trid titlob il-permess. Jirriżulta li l-appellant qatt ma kien talab iċ-ċavetta. Imma hija u tixhed il-minuri qatt ma speċifikat liema kienet il-kamra. Is-*secluded area* kienet bejn l-ewwel u t-tieni sular. Iżda l-kamra in kwistjoni tinsab bejn sulari oħra. Isegwi li ma setgħetx kienet dik u għalhekk ma hemm ebda inkonsistenza fix-xiehda tal-minuri.

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jagħmel emfażi fuq li l-Ewwel Qorti, skont hu, sabitu ħati tar-reat ta' korruzzjoni mingħajr ma eżaminat l-element essenzjali tar-reat. Din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt li fis-sentenza appellata saret riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **The Police vs. Thomas Wiffen**. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti mhijiex ser tikkwota dak li ngħad f'din is-sentenza msemmija li hija *leading sentence* dwar l-artikolu in kwistjoni. Fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2007 fl-ismijiet **The Police vs. Lewis Muscat** (Numru 278/2006), din il-Qorti qalet hekk:

> "It is true that under Maltese Law, the offence of defilement of minors under Article 203 of the Criminal Code requires also the effective defilement of the child victim[2], which is not required in the case of the offence of violent indecent assault under Article 207 – the defilement is a cicrumstance which the Courts, in any case have held in many cases to be an almost natural consequence of the defiling nature of the lewd act[3]."

Illi fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law</u> (Criminal Law – Second Year), il-Professur Sir Anthony Mamo identifika dawn l-elementi:

- *"the age of the victim";*
- *"the lewd acts" – "The lewd act constituting this crime must be committed either on the person of the minor, or even simply in his*

[2] "See in this connection the following decisions of this Court: **The Police v. Thomas Wiffen** 8/1/1996, **Il-Pulizija v. Joseph Micallef** (13/11/1998), **Il-Pulizija v. James Demanuele** 2/10/2000 and **Il-Pulizija vs A.B.** 11/5/2005."

[3] "*"In other words, if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is, are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts – for example, because he or she was, to some degree, already depraved – whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."* –**The Police v. Thomas Wiffen** *supra*. This Court has also rejected the suggestion that the fact that a minor had previous sexual relations or had been previously subjected to lewd acts necessarily meant that the subsequent lewd acts could not bring about a defilement – see **Il-Pulizija v. John Demanuele** *supra.*"

*presence. [...] A carnal connection, even if natural, had with a minor, without violence actual or constructive, would undoubtedly constitute this crime";*

- *"the defilement" – "[O]ur Courts, probably considering the extreme difficulty, if not absolute impossibility, of deciding in any case that a minor is so utterly lost as to be beyond hope, have consistently inclined to the doctrine that previous defilement, whatever its degree, does not exclude the crime.*[4]*"*

Illi din il-Qorti tinnota li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant ressaq numru ta' xhieda li ddeskrivewh bħala bniedem li qatt ma raw għajn ħażina minnu waqt li rriferew għall-ilbies tal-minuri (ħwejjeġ issikkati u skullati) bħala wieħed li ma tilbsux biex tmur fil-każin tal-banda fejn ikun hemm ħafna rġiel. L-Ewwel Qorti wkoll irreferiet għal dak li qalu dawn ix-xhieda u fis-sentenza appellata qalet (*a fol.* 487): *"kif jallega l-imputat u kif qalu b'mod ripetittiv ix-xhieda minnu prodotti."* B'danakollu ma jfissirx li l-minuri kienet diġa' korrotta. Minn imkien ma jirriżulta li kienet għamlet xi wieħed mill-atti msemmijin u li saru mal-appellant. Jekk il-minuri wriet interess li "titgħallem" kien id-dmir tal-appellant li jieqaf għal dan kollu. Fis-sitwazzjoni kien hu li kien qed imexxi lill-minuri li kienet fdata lilu biex jgħallimha u stante d-differenza fl-eta' bejniethom kif ukoll l-eta' tal-minuri! Żgur ma hemm ebda skuża għala l-appellant kellu jeħodha fl-appartament ta' San Pawl il-Baħar fejn sar dak li sar. Jekk il-minuri wriet interess fih kien fid-dmir li javża lill-ġenituri tagħha minnufih.

Illi din il-Qorti tirriafferma li ma nġabet ebda prova li l-minuri kienet diġa' korrotta. Apparti minn dan, din il-Qorti temmen il-verżjoni tal-minuri dwar l-użu tal-*webcam* u tal-*internet* għal raġunijiet xejn tajba. Dan kien jammonta għall-preparazzjoni ta' dak li sar wara. <u>M'hemmx dubju li twettqu relazzjonijiet sesswali mal-minuri li l-appellant kellu l-obbligu li jevita biex ma jwettaqx reat</u>. <u>Min hu matur irid joqgħod attent li ma jinqabżux il-limiti għaliex l-għan tal-liġi hu li tipproteġi lill-minuri</u>. Aktar u aktar

[4] "Vide e.g., Criminal Appeal **The Police vs. Schembri**, 11/10/48."

meta l-minuri tkun fdata għand persuna biex tgħallmu. Għaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti jirriżultalha li r-reat ta' korruzzjoni ġie ppruvat skont l-elementi msemmija aktar 'il fuq u dak stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet **The Police vs. Thomas Wiffen** li wkoll diġà ġiet imsemmija. Isegwi li t-tieni aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti applikat b'mod żbaljat Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk għamlet apprezzament ħażin tal-provi u erronjament sabet li l-vittma kienet xhud kredibbli. Jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma eżaminatx id-depożizzjoni tal-minuri fid-dawl tal-provi l-oħra kollha. Jgħid li l-provi l-oħra jikkontradiċu l-verżjoni tagħha. Jisħaq li huwa mill-ewwel innega li kienu juri l-pornografija fuq l-*internet* lill-minuri u li r-rapport ta' PS 266 Stefan Decelis isaħħaħ id-difiża tiegħu. Jgħid li lanqas biss jirriżulta li l-kompjuters kellhom *webcem* u li l-ebda wieħed mix-xhieda mtella' minnu ma semma li ra xi karezzi da parti tiegħu u li dawn kienu lezzjonijiet fejn kien ikun hemm l-istudenti. Jisħaq li l-Ewwel Qorti njorat dak li qal il-Perit Tekniku Mario Cassar li kien jenħtieġ li jkollok ċavetta biex taċċedi għal ċerta kmamar ta' ħdejn it-taraġ li semmiet il-minuri u li fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2012 hu (l-appellant) qatt ma talab din iċ-ċavetta. Jargumenta li l-verżjoni tiegħu hija aktar ta' min joqgħod fuqha. Jgħid li kellu kull dritt li jżomm sieket iżda ammetta li kien minnu li kellu inkontru sesswali mal-minuri. Jgħid ukoll li dan ammettieh ukoll meta xehed quddiem il-Qorti u li jibqa' dak il-*lurking doubt* dwar il-ħtija tiegħu.

Illi din il-Qorti tinnota li s-sentenza mogħtija fid-9 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne** (Numru 59/2003), li l-appellant għamel riferenza għaliha fl-aggravju in eżami, kienet tirrigwarda ġlied. Fiha ngħad hekk:

> "Illi mhux kull konflitt fil-provi għandu jwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux. Apparti li hemm erba' xhieda li jgħidu li l-appellant ħebb għal martu u ta daqqa ta' ponn lil ommha Lucia Micallef, hemm il-prova indiretta u indizjarja tal-ferita fuq moħħ Lucia Micallef kif ċertifikata mit-tabib li l-appellant ma setax jagħti spjegazzjoni għaliha."

Illi din il-Qorti kkwotat is-silta ta' hawn fuq sabiex turi d-differenza bejn il-fatti fis-sentenza kkwotata u dawk f'dan il-każ li dwaru qed tingħata s-sentenza llum.

Illi ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti eżaminat il-verżjoni tal-minuri waħidha u dana peress li jirriżulta li kkunsidrat ukoll dak li xehed l-appellant. Apparti minn dan, għandu jingħad ukoll li din il-Qorti diġa' esplorat l-aggravju in eżami b'mod indirett meta kienet qed tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni aggravju u, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għalihom b'mod speċjali meta ġie msemmi li f'ċerti sitwazzjonijiet jista' jkun hemm l-applikazzjoni ta' Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi r-<u>raba' aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jgħid li din il-piena hija waħda eċċessiva u li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma ħaditx in konsiderazzjoni ebda fattur li seta' jimmittiga l-piena. Jagħmel riferenza għal sentenza fejn ingħad li wieħed irid jiżen ukoll l-għajnuna li wieħed ikun ta lill-Pulizija u jekk il-persuna ħatja hijiex persuna perikoluża. Jisħaq li kemm il-Psikologu John Agius u kif ukoll l-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler ikkonfermaw li hu mhux bniedem ta' perikolu għas-soċjeta'.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni s-serjeta' tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati (għajr għal Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) b'mod speċjali dak li jidher f'Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-*proviso* tal-istess sub-Artikolu li meta seħħ ir-reat kien jikkontempla piena minn tliet snin sa sitt snin priġunerija fiċ-ċirkostanzi msemmija f'Artikolu 203(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar: *"ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jew iżommu."* Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak imsemmi mill-appellant fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (*a fol.* 566) fir-rigward ta' Artikolu 203(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante li l-atti seħħew mill-appellant li fih kien fdat li jeduka u jgħallem lill-minuri u mhux li jwettaq dak li huwa għamel!

Illi din il-Qorti ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- l-ewwel aggravju ġie milqugħ u ċioè dak li jirrigwarda Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jista' japplika għat-tielet (3) imputazzjoni li tagħha l-appellant instab ħati;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant li hija waħda kompletament nadifa;

- in-Nota ta' Riferenzi tal-appellant li ġiet ippreżentata fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023.

Illi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tilqa' r-raba' aggravju u b'hekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ser tiġi varjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Mario Testa u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha għajr għas-segwenti partijiet liema partijiet qed jiġu mħassra u revokati:

- fejn l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant ta' Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu l-appellant qed jiġi dikjarat mhux ħati tiegħu u b'hekk qed jiġi liberat minn kwalunkwe ħtija u piena fir-rigward tiegħu;

- fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għal ħames (5) snin priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellant għal erba' (4) snin priġunerija.

Bħall-Ewwel Qorti, sabiex tiġi protetta l-identita' tal-minuri, il-Qorti qed tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familjari tagħha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u dana

sabiex jagħmel dak meħtieġ fid-dawl ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**